# Djarju - Direttorju Parrokkjali 2021

## Konverżjoni ta' San Pawl - Ħal Safi




La Gatta
Couture
La Gatta, Blue Grotto Avenue, Zurrieq
Tel: 21 641 417
E-mail: lagatta@onvol.net
Web: www.lagattaboutique.com
Find us on Facebook
La Gatta Couture

Djarju
Direttorju
Parrokkjali
2021




***Faċċata:***
Prospettiva tal-Knisja Parrokkjali min-naħa ta' wara.


***Editur:***
Dorian Baldacchino



***Indirizz:***
21, Triq Santa Marija,
Ħal Safi - SFI 1211
Tel: 21649223



**Issettjat u Stampat**
Print Right Ltd. - Ħal Qormi
Tel: 21250994
Mob: 99490344
e-mail: printright@onvol.net


# EDITORJAL

Għeżież Parruċċani,

Qegħdin nippreżentawlkom id-Djarju-Direttorju tal-Parroċċa tagħna għas-sena 2021.

F'dan id-Djarju-Direttorju ssibu: Il-Ħsieb tal-Kappillan li fih siltiet minn ħsibijiet ta' Don Tonino Bello, Isqof taljan ta' Molfetta-Ruvo-Giovinazzo-Terlizzi mill-1982 sal-mewt tiegħu b'kanċer fl-1993, li jimmotivawna ngħixu aħjar il-fidi nisranija u nkunu xhieda tal-għażla t'Alla u l-ferħ li jipproponi. Fih Tagħrif fuq il-Parroċċa ta' Ħal Safi, Tagħrif fuq il-Knisja Parrokkjali, fuq il-Kappella ta' Santa Marija u ċ-Ċimiterju Madonna ta' Fatima, kif ukoll fuq iċ-Ċentru Parrokkjali.

Id-Djarju-Direttorju jkompli bit-tagħrif aġġornat fuq is-Saċerdoti li jservu fil-Parroċċa, is-Sorijiet Dumnikani preżenti f'Ħal Safi, u r-Reliġjużi minn Ħal Safi li jservu f'lokalitajiet f'Malta, u wħud minnhom saħansitra lil hinn minn xtutna. Wara ssibu dettalji marbuta mal-Uffiċċju Parrokkjali, kif ukoll lista ta' Servizzi li tagħti l-Parroċċa, flimkien ma' tagħrif dwar il-Kunsill Pastorali Parrokkjali u Kummissjonijiet oħra, Fratellanzi, Għaqdiet, Gruppi u l-Unità Pastorali. Għandkom issibu wkoll id-dati importanti ta' Ċelebrazzjonijiet u Purċissjonijiet matul is-Sena Liturġika, kif ukoll Numri utli tat-Telefon.

Imbagħad għandkom issibu d-djarju bl-informazzjoni dwar iċ-ċelebrazzjonjiet li jkunu se jsiru. Fl-aħħar paġni qed nippreżentawlkom mappa ta' Ħal Safi flimkien ma' lista sħiħa tat-toroq u fejn jinstabu fuq il-mappa. Nispiċċaw bil-kalendarju tal-2022, fejn għandkom fejn tniżżlu xi appuntamenti u noti importanti.

Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li taw donazzjonijiet biex sponsorjaw xi paġni, kif ukoll nirringrazzja kull min irreklama f'dan id-Djarju-Direttorju.

**Nawguralkom Sena ġdida mimlija Ferħ, Ġid u Hena li ssibuhom biss fil-Barka tal-Mulej!**

# IL-ĦSIEB TAL-KAPPILLAN

**Għedt lil dak li kien fil-bieb tas-sena:**
**"Agħtini dawl biex nimxi sewwa fit-triq mhux magħrufa;"**
**U hu wieġeb:**
**"Mur fid-dlam u poġġi jdejk fl-idejn ta' Alla.**
**Dan għandu jkun aħjar mid-dawl u aħjar minn triq magħrufa."**

Permezz ta' dawn il-vrus ħelwin u profondi qed nippreżentawlkom id-Djarju-Direttorju tal-Parroċċa tagħna, din id-darba għas-sena 2021.

L-ewwelnett nawguralkom li dan iż-żmien prezzjuż li l-Mulej ser jislifna jgħinna nieħdu l-aħjar minnu biex il-ħajja u l-fidi tagħna ma jkunux ta' nofs kedda imma b'perseveranza sħiħa fit-triq tal-qdusija.

Jalla f'dan iż-żmien ta' kriżi, ma ningħalqux fina nfusna, imma pjuttost nissaħħu u ninfetħu għall-proxxmu tagħna billi ninteressaw aktar ruħna fil-oħrajn. Hekk nistgħu nkunu bennejja tal-paċi, u waqt li nikbru, ejjew nagħrfu li x-xjuħija hija s-sede tal-għerf tal-ħajja. F'dan kollu naraw li ma jonqsuniex il-kuraġġ u t-tama nisranija, li tfisser li l-futur hu f'idejn Alla.

Tul din-sena ejjew inkomplu nitolbu biex il-Knisja tkun dejjem aktar familja li twassal l-imħabba t'Alla lil kulħadd. Allura ta' min nippruvaw nagħrfu aktar li anke aħna msejħin biex inkunu protagonisti u nwasslu din l-Aħbar it-Tajba.

Don Tonino Bello kien iħobb jgħid:
"Il-Mulej għandu għalik. Idejh qed tindika lilek u tiddistingwik mill-folla. Inutli li taparsi mhux tisma', jew tara kif tinħeba biex ma tidhirx. Dak is-sebgħa jilħqek u jsammrek b'responsabbilità preċiża li ma tista' tgħaddiha lil ħadd iżjed. Iva, anke int imsejjaħ biex taħdem fl-għalqa tal-Mulej. Tinkwetax: mhu tintelab xejn straordinarju. Mhux tintalab flus: forsi m'għandekx. U anke jekk ikollok, u tagħtih kollu, ma tkunx għadek obdejt u ħaddant il-kmandament tal-Mulej, fl-essenza tiegħu.

Huwa mitlub minnek: li, kull fejn tmur, f'kull rokna li tkun, tkun tista' xxerred il-fwieħa ħelwa ta' Kristu; li tħalli id-dmugħ tan-nies jinfdu lil ruħek; li timpenja ruħek biex tgħix il-ħajja bħala don u mhux bħala piż; li finalment tiddeċiedi li timxi fit-toroq tal-Vanġelu, u tkun missjunarju ta' ġustizzja u ta' paċi.

Fost il-poplu kun preżenza ta' ferħ, qawwija, intelliġenti e pożittiva. Ftakar li l-ħeġġa għal-liturġija fit-tempju biss mhux ser tiffrankalek li tkun missjunarju fit-triq tal-ħajja. Iżda tinsiex tieqaf u tkun kompletament fi ħdan l-Imgħallem, għax ħeġġa pastorali żejda faċilment iġġiegħlek taħseb li Alla ma jgħaddix mingħajrna ...".

"... Jekk jgħidulkom li moħħkom fis-sħab, li mintomx prattiċi, ħuduh bħala kumpliment. Tnaqqsux, tarmux il-ħolm tagħkom. Jekk fil-ġewwini tagħkom hemm għanja ta' mħabba kbira għal Ġesù Kristu, u tagħmlu ħilitkom biex tgħixu il-Vanġelu, in-nies ser tistaqsi: "Imma x'hemm moħbi fl-għajnejn hekk mimlija stagħġib ta' dawn?"

(Ara Don Tonino Bello, *Servi inutili a tempo pieno,* Edizione San Paolo, 2002)

***Nawguralkom KULL BARKA TAL-MULEJ***
***għal SENA LI FIHA MA NINĦAKMUX MID-DLAM U L-QTIEGĦ TA' QALB***
***imma LI FIHA NAGĦRFU NAFDAW LIL ALLA U NIEĦDU ĦSIEB SEWWA TA' XULXIN.***

Kan. David Farrugia
Kappillan

# TAGĦRIF FUQ IL-PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI

Għal diversi snin Ħal Safi kien jagħmel parti mill-Parroċċa ta' Bir Miftuħ. Il-Ħalsafin xtaqu li jinħallu minn ma' din il-parroċċa, l-aktar minħabba li minn Ħal Safi sal-Gudja kien hemm 'il bogħod.

Meta Monsinjur Pietro Dusina, il-Viżitatur Appostoliku, żar ir-raħal ta' Ħal Safi fl-1575, il-Ħalsafin talbuh sabiex jaqtgħalhom xewqiethom: li r-raħal jitpoġġa ma' dak taż-Żurrieq. Iżda kollox baqa' kif kien.

Fl-1592, l-Isqof Tumas Gargallo ddeċieda li jifred lil Ħal Safi, Ħal Kirkop u l-Imqabba minn ma' Bir Miftuħ, u għaqqad dawn it-tlett irħula f'parroċċa waħda. Il-Ħalsafin ma kinux sodisfatti b'dan billi għal ċerti sagramenti kellhom joqogħdu jmorru fil-knisja ta' San Ġakbu li kienet tinsab nofs triq bejn Ħal Safi u Ħal Kirkop.

Fl-1598, l-Isqof Gargallo laqa' għandu delegazzjoni Ħalsafija li talbet li Ħal Safi jsir parroċċa. L-Isqof aċċetta t-talba tagħhom, u nhar it-13 ta' April 1598 Ħal Safi sar parroċċa.

Minn fost il-knejjes li kien hemm f'Ħal Safi, intagħżlet dik iddedikata lil San Pawl biex tibda tintuża bħala l-knisja parrokkjali u ta' kull sena bdiet tinżamm festa li tfakkar il-Konverżjoni ta' San Pawl.

Minn mindu Ħal Safi sar parroċċa, kien hemm 29 kappillan li kienu nkarigati milli jieħdu ħsiebha u jmexxuha. Uħud minnhom damu ftit snin biss iservu lill-parroċċa, filwaqt illi xi oħrajn għamlu dan għal bosta snin.

Dawn il-kappillani, kif ukoll amministraturi oħrajn, kemm-il darba sabu għajnuna siewja minn saċerdoti Ħalsafin kif ukoll minn diversi individwi u għaqdiet, speċjalment dawk reliġjużi. Fuq kollox dejjem spikkat il-kooperazzjoni tal-parruċċani.

# MOTTO TAR-RAĦAL

Sine Macula (Bla Tebgħa).

# POPOLAZZJONI

Skont l-Uffiċċju tal-Istatistika Nazzjonali (NSO) sa' Diċembru tal-2019, il-popolazzjoni ta' Ħal Safi kienet ta' 2375 persuna: 1256 rġiel u 1119 nisa.

# TAGĦRIF DWAR IL-KNISJA PARROKKJALI

- **Knisja:** Iddedikata lill-Konverżoni ta' San Pawl.
- **Parroċċa:** Għal żmien twil ir-raħal ta' Ħal Safi kien jagħmel parti mill-Parroċċa ta' Bir Miftuħ, u kappella ċkejkna ddedikata għall-Konverżjoni ta' San Pawl żgur kienet wieqfa sa' minn qabel l-1564.
  L-Isqof Tumas Gargallo għażel din il-knisja biex tkun dik Parrokkjali, minn fost knejjes oħra żgħar li kien hemm fir-raħal, u waqqafha bħala l-parroċċa nhar it-13 ta' April, 1598.
  Twaqqfu wkoll żewġ Fratellanzi: Tas-Sagrament u tar-Rużarju.
  Il-bini tal-knisja preżenti, fuq stil doriku, beda fl-1726, fi żmien il-kappillan Dun Ġużepp Caruana, u l-bini tal-ġebla tlesta fl-1740.
- **Data tad-Dedikazzjoni:** Nhar l-10 ta' Ottubru, 1784 mill-Isqof Vincenzo Labini.
- **Altari u Pittura:** Apparti l-Altar Maġġur hemm 7 altari oħra:
  1. Dak fil-Kor iddedikat lil San Pawl; fuqu hemm kwadru ta' Stefano Erardi li juri l-Konverżjoni tal-Qaddis.
  2. Fil-Kappellun tal-Lemin hemm 2 altari: Rużarju (pittura xogħol Francesco Zahra) u San Pietru.
  3. Fil-Kappellun tax-Xellug hemm 2 altari: San Ġużepp u Twelid tal-Madonna (imsejjaħ ukoll ta' San Mikiel).
  4. Fil-Korsija nsibu żewġ altari oħra: Kunċizzjoni u Madonna tal-Grazzja.
- **Koppla:** Hemm pittura ta' Ġanni Vella li tirrappreżenta d-Doni tal-Ispirtu s-Santu. L-istess pittur ħadem l-erba' Evanġelisti li nsibu fil-lunetti.
- **Niċeċ:** Fuq il-ġnub tal-bieb prinċipali hemm 2:
  1. F'waħda minnhom titpoġġa l-istatwa titulari ta' San Pawl
  (li nħadmet u tlestiet fl-1843 miż-Żejtuni Xandru Farrugia).
  2. Fl-oħra titqiegħed l-istatwa tad-Duluri li saret fl-1983.
- **Paviment:** L-art tal-knisja nksiet bl-irħam fil-perjodu 1960-2 fuq disinn ta' Manwel Buhagiar, wara li nbena ċ-ċimiterju tar-raħal li ġie ddedikat lill-Madonna ta' Fatima.
- **Orgni:** Dan wasal fl-1924 u nħadem mid-ditta Vincenzo Mascioni ta' Cuvio, fl-Italja.
- **Qniepen:** Dawk preżenti kienu mżanżna fl-1920; saru għand id-ditta Barigozzi ta' Milan.
- **Zuntier:** Dan inkesa b'ġebel taż-żonqor wara li twessa' fuq iż-żewġ naħat fl-2004.
  Tlesta wkoll it-tqegħid tal-balavostri fl-2011.



## TAGĦRIF DWAR KNISJA FILJALI: SANTA MARIJA



**Knisja**: Iddedikata lill-BVM Assunta - Santa Marija. Din il-knisja kienet teżisti meta Mons. Pietru Dusina għamel iż-żjara pastorali tiegħu fl-1575. Iżda maż-żmien intelqet u ġiet magħluqa fil-25 ta' Novembru 1658. Reġgħet infetħet fi żmien il-Kappillan Mattew Xiriha fit-22 ta' Awissu, 1683. Maż-żmien iġġarrfet u reġgħet inbniet mill-ġdid fl-1761. Restawr sinjifikanti sar lejn l-aħħar tas-seklu 20.

Illum tkun miftuħa b'mod regolari għall-Adorazzjoni Ewkaristika ta' kuljum, bejn it-8:15am u 12:00pm, u t-3:00pm u s-6:00pm.

## IĊ-ĊIMITERJU: MADONNA TA' FATIMA



Iċ-Ċimiterju 'Madonna ta' Fatima' ta' Ħal Safi beda jinbena fl-1954.

Ikun miftuħ: Kull nhar ta' Sibt u kull nhar Ħadd, fil-Festi pubbliċi u matul Novembru kollu.

Ħin: mit-8:00am u l-5:00pm.

**Jien hu l-Qawmien u l-Ħajja**

## IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI



- Iċ-Ċentru Parrokkjali jintuża biex fih isiru laqgħat minn diversi għaqdiet tal-Parroċċa.

Jintuża għal xi *party* jew *get together* u dan b'donazzjoni żgħira għall-parroċċa.

## UFFIĊĊJU PARROKKJALI

**Indirizz:** 21, 'Domus Curialis', Triq Santa Marija, Ħal Safi, SFI 1211
**Tel:** 21649223 **Email:** parrocca.safi@maltadiocese.org
**Website tal-Parroċċa:** http://parroċċasafi.wordpress.com/
**Facebook tal-Parroċċa:** https://www.facebook.com/paroccaHalsafi/
**Website tad-Djoċesi:** http://thechurchinmalta.org/mt/posts/863/safi

**Ħinijiet:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| It-Tnejn | AM | 9:00 - 11:30 | PM | 4:30 - 6:00 |
| L-Erbgħa | AM | -------------- | PM | 4:30 - 6:00 |
| Ħamis | AM | 9:00 - 11:30 | PM | 4:30 - 6:00 |
| Ġimgħa | AM | 9:00 - 11:30 | PM | 4:30 - 6:00 |
| Sibt | AM | 9:00 - 11:30 | | |

## SAĊERDOTI

**KAPPILLAN**
Kan. David Farrugia
Data tat-Twelid: 24/04/1979
Data tal-Ordinazzjoni: 29/06/2004
21, 'Domus Curialis', Triq Santa Marija, Ħal Safi, SFI 1211
Tel: 21649223 Mob: 79604561
Email: parrocca.safi@maltadiocese.org

**SAĊERDOT MINN ĦAL SAFI:**
Dun Tony Pace:
Data tat-Twelid: 25/06/1953
Data tal-Ordinazzjoni: 29/06/2020
Qawsalla, Triq il-Kuċċard, Ħal Safi, SFI 1611
Tel: 21647027 Mob: 79647027
Email: pacetoni@gmail.com

**SAĊERDOT MINN ĦAL SAFI:**
Dun Karm Zammit:
Data tat-Twelid: 07/07/1939
Data tal-Ordinazzjoni: 11/03/1967
Dar tal-Kleru 'Christus Sacerdos', Triq Anġlu Grima, Birkirkara, BKR 1560
Tel: 21441670

# RELIĠJUŻI

**SORIJIET DUMNIKANI**
Kunvent Dumnikani
2, Triq iż-Żurrieq, Ħal Safi, SFI 1416 Tel: 21649194
Sr Ines Darmenia O.P. (Superjura)
Sr Frances Bonnici O.P.
Sr Maria Louisa Vella O.P.

**SORIJIET MINN ĦAL SAFI li jservu postijiet oħra:**

**- MALTA**

Sr Giovanna Callus FCJ (Madre) Tel: 21314008
Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, 23, Betanja,
Triq Nazju Falzon, Msida MSD 1720
Sr Salvina Callus FCJ (Madre) Tel: 21577507
Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, 19, Porziuncola Convent,
Triq Fr Edgar, Mġarr MST 3140
Sr Angelina Cutajar O.P. Tel: 21824740
Sorijiet Dumnikani, 72, Dar San Ġużepp,
Triq il-Mina ta' Hompesch, Ħaż-Żabbar, ŻBR 9016
Sr Maria Emmanuel Vella O.S.C.
Sorijiet Klarissi, Monasteru ta' Santa Klara,
Triq Mikiel Anton Vassalli (Triq Reġjonali)
San Ġiljan, SĠN 9040

**- RUMA**

Sr Vitalina Zammit FCJ (Rev. Madre Generale)
Suore Franciscane del Cuore di Gesù
Casa Generalizia, Via Edmondo de Amicis 18
000 Santa Maria della Mole, Marino, Roma, Italia
Sr Giuseppina Zammit FCJ
Centro di Spiritualità Nostra Signora del Cuore di Gesù
Suore Franciscane del Cuore di Gesù, Via Cesiano 20
00033 San Bartolomeo Cave, Roma, Italia

**- FRANZA**

Sr Mary Carmen Busuttil
Sisters of Notre Dame de Sion E.H.P.A.D. Flore D'Arc 13420, Gémenos, France

**- ETHIOPIA**

Sr Camilla Zammit FCJ
Our Lady of Perpetual Help School, P.O. 2212 Kabanna Ethiopia

**STUDENT RELIĠJUŻ MINN ĦAL SAFI:**
**M.S.S.P. (Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl)**
David Pace DoB: 14/06/1988
Qawsalla, Triq il-Kuċċard, Ħal Safi, SFI 1611 Tel: 21647027
Oratorju San Duminku Savio - MSSP,
Triq San Ġiljan, BKara, BKR 2806 Tel: 21441917
Email: pacedavid@hotmail.com

# SERVIZZ MILL-QALB LILL-PARRUĊĊANI

## QUDDIES

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ġranet Ferjali u Sibtijiet: | AM | 07:30 | PM | 06:30 |
| Ħdud u Festi: | AM | 06:45 | | |
| | | 09:00 | | |
| | | 10:30 (Meta ssir il-Magħmudija biss) | | |
| | PM | 05:30 (Xitwa) / 06:00 (Sajf) | | |

## QRAR

Kull meta jintalab personalment

| | | |
|---|---|---|
| Kuljum: | Kappillan / Saċerdot | Qabel il-Quddiesa |
| Is-Sibt: | Kappillan / Saċerdot | Mill-5:30pm |
| Lejlet l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar: | Konfessur Barrani | Mill-5:45pm |

## MAGĦMUDIJA

| | |
|---|---|
| Notament minn qabel: | Fl-Uffiċċju Parrokkjali |
| Katekeżi d-Dar jew l-Uffiċċju: | Il-Kappillan |
| Kull meta jkun hemm ħtieġa: | Il-Ħadd - 10:30am - Waqt il-Quddiesa |

## ŻWIĠIJIET

| | |
|---|---|
| Notament minn qabel: | Fl-Uffiċċju Parrokkjali |
| Preparazzjoni: | Kors ta' Kana u Seminar tas-Sitt Xhur qabel |
| Djalogu/Eżami taż-Żwieġ: | Il-Kappillan |
| Normalment: | Is-Sibt - 04:45pm |
| | Is-Sibt - 07:30pm |
| | Il-Ħadd - 11:00am |
| | *Mhux fil-quddies tal-ħin* |

## TQARBIN TAL-MORDA

| | |
|---|---|
| Il-qraba tal-morda jikkuntattjaw: | Il-Kappillan u s-Sorijiet Dumnikani |
| Isir: | Kull 1 u 3 Ġimgħa tax-xahar |
| Responsabbli: | Il-Kappillan u s-Sorijiet Dumnikani |

## ADORAZZJONI

| | |
|---|---|
| Mit-Tnejn sal-Ġimgħa-Knisja ta' Santa Marija | AM 8:00 - 12:00 (Xitwa u Sajf) |
| | PM 3:00 - 6:00 (Xitwa u Sajf) |
| Fl-1 Ġimgħa tax-xahar - Knisja Parrokkjali | PM 7:00 - 7:30 (Xitwa u Sajf) |

## RUŻARJU

| | |
|---|---|
| Kuljum: | 20 minuta qabel il-Quddiesa AM u PM |
| F'Ottubru: | Quddiem Ġesù Sagramentat Espost |

## KUNSILL PASTORALI PARROKKJALI (KPP)

Jistudja, ifassal, jevalwa u jwettaq ħidmiet pastorali.
Jiġbor flimkien lill-kleru, lir-reliġjużi, u lir-rappreżentanti ta' kull għaqda u ta' kull grupp.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Laqgħat:** | L-Aħħar Ħamis tax-Xahar | | |
| **Post:** | Dar-Uffiċju Parrokkjali | | |
| **President:** | Kan. David Farrugia – Kappillan | | |
| **Moderatur:** | Mr Tarcisio Barbara | Tel: 21682269 | Mob: 99494878 |
| **Segretarju:** | Mr Dorian Baldacchino | Tel: 21680361 | Mob: 79396794 |

## KUMMISSJONI IMPLIMENTAZZJONI SINODU (KIS)

Tieħu ħsieb tiddixxerni,tippjana, u tara li jitwettaq dak li hemm fis-Sinodu.
Kull sena tevalwa dak li jkun sar.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Membri:** | Mr Tarcisio Barbara | Tel: 21682269 | Mob: 99494878 |
| | Ms Frances Vella | Tel: 21683843 | Mob: 79903897 |

## KUMMISSJONI LITURĠIJA (KL)

Tieħu ħsieb ir-roster tal-Koordinaturi tal-quddies, il-preparazzjoni taċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi prinċipali, taħriġ lil kull min jagħti s-servizz fil-quddies, kemm bħala Animaturi, Letturi, Mużika, Abbatini u Ministri Straordinarji tat-Tqarbin.

| | |
|---|---|
| **Membri:** | Mr John Formosa |
| | Ms Pauline Zammit |
| | Ms Rita Abdilla |

## KUMMISSJONI KATEKETIKA (KK)

Tikkordina l-ħidma taċ-Ċentri tad-Duttrina, torganizza laqgħat għall-ġenituri tat-tfal fuq bażi parrokkjali, bħalma huma dawk relatati mal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof, u tieħu ħsieb laqgħat u attivitajiet speċjali għat-tfal u dak kollu relatat mal-formazzjoni sħiħa tagħhom.

**Membri:** Superjur Jonathan Brincat — Mob: 79647024
Superjura Grace D'Amato — Mob: 79063053

## KUMMISSJONI DJAKONIJA (KD)

Tieħu ħsieb il-ħidma soċjali speċjalment l-aspetti ta' ġustizzja u ta' karità tal-parroċċa.

**Membri:** Ms Grace Vassallo, Ms Rita Abdilla, Ms Doris Pace, Ms Joan Martinelli, Ms Tessie Busuttil

## KUMMISSJONI FAMILJA (KF)

Torganizza attivitajiet u laqgħat ghall-Koppji Miżżewġa.

**Membri:** Ms Miriam u Mr Silvio Vella — Tel: 21685798
Mrs Angelique u Mr Joseph Zammit — Tel: 21640977

## KUMMISSJONI AMBJENT (KA)

Tagħraf, tippreżenta u tippromwovi l-ħarsien tal-ambjent bħal ġid komuni,
ġid li lkoll irridu nieħdu ħsiebu.

**Rappreżentant:** Mr Tarcisio Barbara — Tel: 21682269 — Mob: 99494878

## FUNDRAISING TAL-PARROĊĊA

Torganizza lotteriji u attivitajiet relatati b'risq il-proġetti prinċipali tal-parroċċa.

Responsabbli: Ms Pauline Zammit — Tel: 21641171 — Mob: 99641171
Ms Anna Busuttil — Mob: 99268058

## ĦARĠIET TAL-PARROĊĊA

Torganizza ħarġiet u attivitajiet, darba fix-xahar,
bħala mumenti ta' talb, kultura u rilassament għal kull min jixtieq.

**Responsabbli:** Ms Ġuża Zammit — Tel:21649687 — Mob: 77649687
Ms Anna Busuttil — Mob: 99268058

# GĦAQDIET u GRUPPI PARROKKJALI

## FRATELLANZA TAS-SAGRAMENT

**Prokuratur:** Anthony Abdilla Tel: 21640002 Mob: 99224612

## FRATELLANZA TAR-RUŻARJU

**Prokuratur:** Joe Mifsud Tel: 21683918 Mob: 77993620

## KOR 'SINE MACULA'

Twaqqaf fl-1983 bħal grupp għall-animazzjoni liturġika fuq l-inizzjattiva tal-Kappillan Dun Mikiel Agius. Jagħtu servizz fil-knisja billi janima l-kant tal-quddies, fil-funzjonijiet u ċ-ċelebrazzjonijiet kollha li jsiru.

**Direttriċi:** Mro Alexandra Borg Tel: 21642597 Mob: 99464468
**Membri:** Adulti - Irġiel u Nisa
**Website:** http://sinemaculachoir.wordpress.com/

## GRUPP LEĠJUN TA' MARIJA

Jiltaqgħu biex jitolbu r-Ružarju u jaraw kif jistgħu jagħmlu u jgħixu l-appostolat.
**Laqgħat:** Kull nhar ta' Tlieta fil-5:00pm
**Post:** Kunvent Dumnikani
**Responsabbli:** Ms Tessie Magri Tel: 21680021 Mob: 79255298

## GRUPP KELMA TAL-ĦAJJA

Jiltaqgħu biex jiddiskutu sentenza mill-Bibbja
u jaraw kif jistgħu ipoġġuha aktar fil-prattika.
**Laqgħat:** Kull Tielet Tlieta tax-Xahar fid-9:30am
**Post:** Kunvent Dumnikani
**Responsabbli:** Ms Rita Abdilla Tel: 21682121

## GRUPP KOPPJI MIŻŻEWĠA

Laqgħat ta' formazzjoni għall-Miżżewġin.
**Laqgħat:** Kull Tielet Sibt tax-Xahar
**Post:** Ċentru Parrokkjali
**Responsabbli:** Ms Miriam & Mr Silvio Vella Tel: 21685798

## SOĊJETÀ DUTTRINA NISRANIJA - (M.U.S.E.U.M.)

- Tħejji t-tfal għas-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina
- Tħejji t-tfal għas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof
- Tħejji lill-istudenti biex jimmaturaw fil-ħajja Nisranija
- Tħejji lill-Kandidati u lis-Soċji biex jgħallmu lill-oħrajn.

## M.U.S.E.U.M. SUBIEN

**Superjur:** Jonathan Brincat Tel: 21683790 Mob: 79647024
**Post:** M.U.S.E.U.M. Subien, Triq San Tumas, Ħal Safi

## M.U.S.E.U.M. BNIET

**Superjura:** Grace D'Amato Tel: 21441391 Mob: 79063053
**Post:** M.U.S.E.U.M. Bniet, Triq Santa Marija, Ħal Safi

N.B. Biex inressqu t-tfal għas-sagramenti tal-Qrar, l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof iridu jattendu 75% d-duttrina, u għall-Griżma tal-Isqof iridu jattendu l-ħames snin kors darbtejn fil-ġimgħa.

## ABBATINI

Jagħtu servizz fil-knisja billi jgħinu lis-saċerdoti waqt il-quddies, fil-funzjonijiet u ċ-ċelebrazzjonijiet kollha li jsiru.

**Laqgħat:** Kull l-Ewwel u Tielet Sibt tax-Xahar fil-5:00pm
**Post:** Knisja Parrokkjali
**Jieħu ħsieb:** Kan. David Farrugia - Kappillan
**Membri:** Subien minn 7 snin 'il fuq

## GRUPP ARMAR TAL-KNISJA

Jieħdu ħsieb il-manutenzjoni u l-armar tal-Knisja.

**Laqgħat:** Kull meta jkun hemm bżonn, speċjalment fil-Festa
**Post:** Knisja Parrokkjali
**Responsabbli:** Kan. David Farrugia - Kappillan

## GRUPP SANTA MARTA - Tindif tal-Knisja

Jieħdu ħsieb l-indafa ġenerali tal-Knisja.

**Laqgħat:** Kull meta jkun hemm bżonn
**Post:** Knisja Parrokkjali
**Responsabbli:** Ms Salvina Grech Tel: 21680873
Ms Rita Formosa

## GRUPP PUBBLIKAZZJONIJIET

Responsabbli mill-fuljett Leħen il-Parroċċa: Programm tal-Festa ta' Ħal Safi, mid-Djarju Direttorju, u mill-Insert tal-Magażin Flimkien u pubblikazzjonijiet oħra.

**President:** Kan. David Farrugia – Kappillan
**Membru:** Tarcisio Barbara Tel: 21682269 Mob: 99494878
Mr Dorian Baldacchino Tel: 21680361 Mob: 79396794

## DATI IMPORTANTI MATUL IS-SENA LITURĠIKA

L-Epifanija ........................................................................ ............... Il-Ħadd 03 ta' Jannar
Konverżjoni ta' San Pawl ............................................................ It-Tnejn 25 ta' Jannar
Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta .................................................... L-Erbgħa 10 ta' Frar
Ras ir-Randan .............................................................................. L-Erbgħa 17 ta' Frar
Ħadd il-Palm ................................................................................ Il-Ħadd 28 ta' Marzu
Il-Ġimgħa l-Kbira ........................................................................ Il-Ġimgħa 02 ta' April
L-Għid il-Kbir .............................................................................. Il-Ħadd 04 ta' April
Għid il-Ħamsin (Pentekoste) ........................................................ Il-Ħadd 23 ta' Mejju
Trinità Qaddisa (L-Ewwel Tqarbina) ............................................ Il-Ħadd 30 ta' Mejju
Kristu Sultan tal-Ħolqien ....................................................... Il-Ħadd 22 ta' Novembru
L-Avvent ................................................................................. Il-Ħadd 28 ta' Novembru
Il-Milied ....................................................................................Is-Sibt 25 ta' Diċembru

## PURĊISSJONIJIET FIL-PARROĊĊA TAGĦNA

Marija Addolorata (Id-Duluri) ................................................... Il-Ġimgħa 26 ta' Marzu
Il-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù (Corpus Christi) ................................. Il-Ħadd 06 ta' Ġunju
Il-Qalb ta' ta' Ġesù ........................................................................ Il-Ħadd 13 ta' Ġunju
Il-Festa ta' San Pawl ...................................................................Il-Ħadd 29 ta' Awissu
Il-Madonna tar-Rużarju ............................................................. Il-Ħadd 03 ta' Ottubru

## NUMRI UTLI TAT-TELEFON

Kappillan - Safi: Kan. David Farrugia ............................................................. 21649223
Arċipriet - Żurrieq: Mons. Karm Mercieca ....................................................... 21642010
Kappillan - Kirkop: Dun Martin Cardona ......................................................... 21642893
Amministratur - Qrendi: Kan. Mario Said ........................................................ 21649398
Kappillan - Mqabba: Dun John Curmi .............................................................. 21649306
Kunsill Lokali - Safi: ................................................................... 21689168; 21640290
Għassa - Safi: ..................................................................................................... 21647946
Skola Primarja - Safi: ......................................................................................... 21640674
Għassa - Żurrieq: ................................................................................................ 21640721
Depot tal-Pulizija - Floriana: ............................................................................. 21224001
Poliklinika - Kirkop: Call Centre: ................................ 21231231; (wara 5:00 pm) 21681267
Poliklinika - Paola: Call Centre: ................................. 21231231; (wara 5:00 pm) 21691414
Sptar Mater Dei: ..................................................................................................... 158
Sptar San Luqa: ................................................................................................. 21241251
Tagħrif dwar id-Direttorju: ..................................................................................... 1182
Pulizija: ................................................................................................................... 119
Emerġenza, Ambulanza, Ħruq, Rescue: ................................................................... 112

## UNITÀ PASTORALI 16 *Żurrieq - Qrendi - Mqabba - Kirkop - Safi*

L-Arċidjoċesi ta' Malta hija mqassma f'diversi unitajiet. Aħna qegħdin f'Unità 16 li tinkludi ż-Żurrieq, il-Qrendi, l-Imqabba, Ħal Kirkop u Ħal Safi.

**Arċiprieti, Kappillani u Amministraturi:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Żurrieq: | Mons. Karm Mercieca | Tel. 21642010 | Mob. 99825203 |
| Il-Qrendi: | Kan. Mario Said | Tel: 21649398 | Mob: 79574849 |
| Mqabba: | Dun John Curmi | Tel. 21649306 | Mob. 79240956 |
| Kirkop: | Dun Martin Cardona | Tel. 21642893 | Mob. 99296042 |
| Safi: | Kan. David Farrugia | Tel. 21649223 | Mob. 79604561 |

# *Awguri*

*Nixtiequ li din is-sena li għadha kif bdiet*
*tkun sena mimlija barka tal-Mulej…….*
*tkun sena mibnija fuq is-sod,*
*u tkun fuq kollox sena ta' paċi ġenwina*
*fl-ispirtu ta' Kristu Ġesù.*

*Dawn huma l-awguri li nixtiqulkom*
*għeżież ħbieb u benefatturi,*
*min-naħa tagħna, għal din is-sena 2021.*

# Noti

# Noti

# Noti

# Noti

# Jannar 2021

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġimgħa | 1 | **Solennità tal-Imqaddsa Marija Omm Alla u Jum il-Paċi**<br>Strina għall-Knisja |
| Is-Sibt | 2 | |
| Il-Ħadd | 3 | **Solennità tal-Epifanija tal-Mulej**<br>*Ġabra Speċjali* |
| It-Tnejn | 4 | |
| It-Tlieta | 5 | |
| L-Erbgħa | 6 | |
| Il-Ħamis | 7 | |
| Il-Ġimgħa | 8 | **8:15am - Tqarbin tal-Morda** |
| Is-Sibt | 9 | |
| Il-Ħadd | 10 | **Festa tal-Magħmudija tal-Mulej** |
| It-Tnejn | 11 | |
| It-Tlieta | 12 | **9:30am - Laqgħa Grupp tal-Kelma tal-Ħajja** |
| L-Erbgħa | 13 | |
| Il-Ħamis | 14 | |
| Il-Ġimgħa | 15 | |
| Is-Sibt | 16 | |



Din il-paġna qed tiġi offruta b'suffraġju għall-erwieħ tal-
**Familji Zammit, Galdes u Portelli**

# Jannar 2021

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħadd | 17 | **It-2 Ħadd ta' Matul is-Sena** |
| It-Tnejn | 18 | **Bidu tal-Ottavarju ta' Talb għall-Għaqda tal-Insara** |
| It-Tlieta | 19 | |
| L-Erbgħa | 20 | |
| Il-Ħamis | 21 | |
| Il-Ġimgħa | 22 | **8:15am - Tqarbin tal-Morda** |
| Is-Sibt | 23 | **5:30pm - Konfessur għall-Qrar** |
| Il-Ħadd | 24 | **It-3 Ħadd ta' Matul is-Sena - Jum il-Kelma ta' Alla** |
| It-Tnejn | 25 | **Solennità Liturġika tal-Konverżjoni ta'<br>San Pawl Appostlu, padrun tal-Parroċċa tagħna<br>6:00pm - Għasar u Barka Sagramentali<br>6:30pm - Konċelebrazzjoni Solenni** |
| It-Tlieta | 26 | |
| L-Erbgħa | 27 | |
| Il-Ħamis | 28 | |
| Il-Ġimgħa | 29 | |
| Is-Sibt | 30 | |
| Il-Ħadd | 31 | **Ir-4 Ħadd ta' Matul is-Sena** |



Din il-paġna qed tiġi offruta b'suffraġju għall-erwieħ tal-
**Maria u Ġorġ Sammut, Katerina u Ġanni Busuttil**

# Frar 2021

| | | |
|---|---|---|
| It-Tnejn | 1 | |
| It-Tlieta | 2 | **Il-Preżentazzjoni tal-Mulej - Il-Gandlora** |
| L-Erbgħa | 3 | |
| Il-Ħamis | 4 | |
| Il-Ġimgħa | 5 | **8:15am - Tqarbin tal-Morda** *L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar*<br>**5:45pm - Konfessur għall-Qrar**<br>**6:30pm - Quddiesa u wara Adorazzjoni** |
| Is-Sibt | 6 | |
| Il-Ħadd | 7 | **Il-5 Ħadd ta' Matul is-Sena**<br>*Ġabra Speċjali* |
| It-Tnejn | 8 | |
| It-Tlieta | 9 | **9:30am - Laqgħa Grupp tal-Kelma tal-Ħajja** |
| L-Erbgħa | 10 | **Solennità tan-Nawfraġju f'Malta**<br>**ta' San Pawl Appostlu, padrun ta' Malta** |
| Il-Ħamis | 11 | **L-Ewwel Dehra tal-Verġni Mqaddsa Marija f'Lourdes**<br>**u Jum il-Morda** |
| Il-Ġimgħa | 12 | |
| Is-Sibt | 13 | |
| Il-Ħadd | 14 | **Is-6 Ħadd ta' Matul is-Sena** ***Ħadd il-Karnival*** |



Din il-paġna qed tiġi offruta b'suffraġju għall-erwieħ tal-
**Familja Abdilla**

# Frar 2021

| | | |
|---|---|---|
| It-Tnejn | **15** | |
| It-Tlieta | **16** | |
| L-Erbgħa | **17** | **Ras ir-Randan - L-Erbgħa tal-Irmied**<br>Sawm u Astinenza |
| Il-Ħamis | **18** | |
| Il-Ġimgħa | **19** | **8:15am - Tqarbin tal-Morda** |
| Is-Sibt | **20** | |
| Il-Ħadd | **21** | **L-1 Ħadd tar-Randan** |
| It-Tnejn | **22** | |
| It-Tlieta | **23** | |
| L-Erbgħa | **24** | |
| Il-Ħamis | **25** | **Tifkira tal-Beata Suor Maria Adeodata Pisani O.S.B.** |
| Il-Ġimgħa | **26** | |
| Is-Sibt | **27** | |
| Il-Ħadd | **28** | **It-2 Ħadd tar-Randan** |







Din il-paġna qed tiġi offruta b'suffraġju għall-erwieħ ta'
**Salvu u Evanġelista Callus**

# Marzu 2021

| | | |
|---|---|---|
| It-Tnejn | **1** | |
| It-Tlieta | **2** | |
